# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King’s College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King’s College, London).**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha 15 ta’ Gunju tas-sena 2001.**

**Numru 17**

**Avviz numru 1331/99/SM**

**John u Carmen konjugi Falzon**

**vs**

**Grace Sant**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-15 ta’ Settembru ta’ l-1999 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m’ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Thallas lill-istanti s-somma ta’ hames mitt lira Maltin, (LM500.00,0) danni li kkagunat f’incident stradali li gara l-Marsa fis-7 t’Awissu, 1999 bejn Transit numru GMY 075 misjuq minnha u car Lada numru IAF 646 misjuqa mill-attur – prevja dikjarazzjoni li hi kienet responsabbli ghall-incident u dan minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti;**

**2. Bl-ispejjez komprizi LM23 tal-parir u ittra, dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Settembru, 1999 lill-Ominbus Pool ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' dana l-avviz kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-28 ta' Settembru ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi t-talba tal-atturi ghandha tkun respinta stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax tort tal-eccepjenti izda gara unikament htija ta' l-attur John Falzon;**

**2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident in dizamina sehh ghall-habta tas-2.00 a.m. tas-7 t'Awissu ta' l-1999 bejn il-vetturi wahda tal-marka Lada Samara bin-numru ta' registrazzjoni IAF-646 misjuqa mill-attur Falzon u l-ohra vann tal-marka Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni GMY-072 misjqua mill-konvenuta Sant;**

**2. Illi l-imsemmi incident sehh f'Labour Avenue Marsa, hdejn l-officcji tax-"Shipbuilding";**

**3. Illi pero' ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-dinamika ta' l-incident il-protakonisti ewleni ifornu versjoni totalment konfliggenti:**

**a. Il-Versjoni ta' l-attur Falzon:**

**i. Illi meta wasal fi Triq Dicembru Tlettax ihoss daqqa kbira minn**

**wara u meta hareg mill-vettura tieghu isib il-vann tal-konvenuta;**

**ii. Illi l-konvenuta kienet responsabbli ghall-akkadut;**

**b. Il-Versjoni tal-konvenuta Sant:**

**i. Illi fil-lejl in kwistjoni hi kienet qed issuq il-vann de quo, maghha kellha t-tifla taghha rieqda fuq wara u kienet sejra l-garaxx Rahal Gdid;**

**ii. Illi meta wasslet fuq il-pont ta' hdejn il-Pepsi semghet karozza twerzaq ir-roti u meta harset fil-mera ssostni li rat karozza iddur fuqha nnifisha;**

**iii. Illi meta pprocediet fi triqitha u waslet hdejn Roger tal-krejnijiet regghet semghet karozza twerzaq ir-roti u ghalkemm kienet kostantement qed issuq mal-bankina l-vettura tal-attur qabzitha, dan "qaghad jikkummiedja quddiemi", (ara fol 37), u dahal go fiha hdejn id-dahhla tal-biccerija;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghalkemm rigward il-fatt min kien il-veru awtur ta' l-iskizz pprezentat f'dawn l-atti inholoq dizgwid inutili li l-Pulizija ghandha tevita ghall-kollox, pero' jirrizulta li d-danni li l-vetturi involuti huma hemm indikati li soffrew ma jikkonfortawx il-versjoni ta' l-atturi izda dik tal-konvenuta;**

**Illi ghandu jkun pacifiku li kieku d-dinamika tal-fatti verament sehhet skond il-versjoni ta' l-atturi, allura d-danni riskontrati kienu jkunu ferm differenti minn dawk li jirrizultaw;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**